



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

16595/14

AGRILEG 255

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	4 ta' Diċembru 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D035768/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-1,4-dimetilnaftalen, il-benfurakarb, il-karbofuran, il-karbosulfan, l-etefon, il-fenamidon, il-fenvalerat, il-fenezamid, il-furatijokarb, l-imażapir, il-malatijon, il-pikossistrobin, l-ispirotetramat, it-tepralossidim u t-triflossitrobin f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument D035768/02.

Mehmuż: D035768/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANCO/11658/2014
(POOL/E3/2014/11658/11658-EN.doc)
D035768/02
[...] (2014) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-1,4-dimetilnaftalen, il-benfurakarb, il-karbofuran, il-karbosulfan, l-etefon, il-fenamidon, il-fenvalerat, il-fenezamid, il-furatijokarb, l-imażapir, il-malatijon, il-pikossistrobin, l-ispirotetramat, it-tepralossidim u t-triflossitrobin f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-1,4-dimetilnaftalen, il-benfurakarb, il-karbofuran, il-karbosulfan, l-etefon, il-fenamidon, il-fenvalerat, il-feneżamid, il-furatijokarb, l-imażapir, il-malatijon, il-pikossistrobin, l-ispirotetramat, it-tepralossidim u t-triflossitrobin f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwu (MRLs) għall-etefon, il-fenvalerat, il-pikossistrobin u t-tepralossidim ġew stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-MRLs għall-karbofuran, il-karbosulfan, il-fenamidon, il-feneżamid u t-triflossitrobin ġew stipulati fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-malatijon u l-ispirotetramat l-MRLs ġew stipulati fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-benfurakarb u l-furatijokarb l-MRLs ġew stipulati fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fir-rigward tal-1,4-dimetilnaftalen u l-imażapir, ma ġie stabbilit l-ebda MRL speċifiku f'dawn l-Annessi u lanqas ma ġew inklużi s-sustanzi fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, għalhekk japplika l-valur awtomatiku ta' 0,01 mg/kg.
- (2) Fil-kuntest ta' proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva 1,4-dimetilnaftalen fuq il-patata, tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 biex jiġi modifikat l-MRL eżistenti.
- (3) Fir-rigward tal-esfenvalerat, tressqet applikazzjoni ta' dan it-tip għall-bżar, il-brokkoli u l-ħass. Fir-rigward tal-etefon, tressqet applikazzjoni biex jiġu modifikati l-MRLs eżistenti għaż-żebbuġ tal-mejda. Fir-rigward tal-feneżamid, tressqet applikazzjoni ta' dan it-tip għar-riħan blu, il-cranberries, il-gooseberries u l-għanżalor. Fir-rigward tal-malatijon, tressqet applikazzjoni ta' dan it-tip għall-frott taċ-ċitru, il-frawli u l-ħass.

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

Fir-rigward tal-pikossistrobin, tressqet applikazzjoni ta' dan it-tip għall-pitrava zokkrija. Fir-rigward tal-pikossistrobin, tressqet applikazzjoni ta' dan it-tip għaż-żebug għall-produzzjoni taż-żejt. Fir-rigward tal-ispirotetramat, tressqet applikazzjoni bħal din għall-artiċoks ta' Ġerusalem u r-ravanell. Fir-rigward tat-tepralossidim, tressqet applikazzjoni ta' dan it-tip għall-frott tal-kannamiela.

- (4) Skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, tressqet applikazzjoni għall-fenamidon użat fil-ħxejjex tal-għeruq u t-tuberi bin-numru tal-kodiċi 0213000, ħxejjex tal-basla, tadam, bżar, bżar aħmar (chili peppers), brunġiel, brokkoli, kaboċċa Ċiniża, ħass u pjanti oħra tal-insalata, spinaċi u weraq simili, ħwawar, kardun, karfus, bużbież u rabarbru. L-applikant jisħaq li l-użi awtorizzati ta' dik is-sustanza fuq għelejjel bħal dawn fl-Istati Uniti jwasslu għal residwi oġġla minn dawk stabbiliti għall-MRLs indikati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u li jeħtieġ li jkun hemm MRLs oġġla sabiex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali għall-importazzjoni ta' dawk l-għelejjel.
- (5) Fir-rigward tal-imazapir, tressqet applikazzjoni biex jiġu modifikati l-MRLs eżistenti fuq il-fażola tas-sojja, l-għads, iż-żerriegħa tal-ġirasol, in-nevew u ż-żerriegħa tal-mustarda ġenetikament modifikati. L-applikant jisħaq li l-użi awtorizzati ta' dik is-sustanza fuq għelejjel bħal dawn fl-Arġentina, il-Brażil u l-Kanada jwasslu għal residwi oġġla minn dawk stabbiliti għall-MRLs indikati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u li jeħtieġ li jkun hemm MRLs oġġla sabiex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali għall-importazzjoni ta' dawk l-għelejjel. Fir-rigward tal-malatijon, tressqet applikazzjoni ta' dan it-tip għat-tuffieħ, il-lanġas u l-għanbaqar. L-applikant jisħaq li l-użi awtorizzati ta' dik is-sustanza fuq għelejjel bħal dawn fl-Arġentina, iċ-Ċili u l-Afrika t'Isfel iwasslu għal residwi oġġla minn dawk stabbiliti għall-MRLs indikati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u li jeħtieġ li jkun hemm MRLs oġġla sabiex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali għall-importazzjoni ta' dawk l-għelejjel.
- (6) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dawn l-applikazzjonijiet ġew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni.
- (7) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", ivvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni, eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumatur u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjonijiet motivati dwar l-MRLs proposti². L-Awtorità għaddiet dawn l-opinjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u għamlithom disponibbli għall-pubbliku.

² Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA disponibbli onlajn fuq: <http://www.efsa.europa.eu>:

Opinjoni motivata dwar l-istabbiliment ta' MRL ġdid għall-1,4-dimetilnaftalen fil-patata. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(6):3735 [24 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3735.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-limitu massimu ta' residwi eżistenti għall-esfenvalerat fil-bżar, il-brokkoli u l-ħass. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(5):3693 [27 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3693.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għall-eteġon fiż-żebug u l-għeneb tal-mejda. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(5):3698 [22 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3698.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għall-fenamidon f'diversi ħxejjex. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(3):3627 [36 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3627.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għall-fenezamid f'berries differenti. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(7):3785 [18 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3785.

- (8) Fl-opinjoni motivata tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li d-dejta ppreżentata ma kinitx biżżejjed biex jiġu stabbiliti l-MRLs il-ġodda għall-użu tal-malatiġon fuq it-tuffieħ, il-lanġas, l-għanbaqar u l-frawli. Għalhekk, l-MRLs eżistenti ma għandhomx jiġu modifikati.
- (9) Il-Kummissjoni ġiet infurmata mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ħwawar li għadd sinifikanti ta' lottijiet ta' faqqieġh abjad immixxef importat miċ-Ċina jinkludu livelli ta' residwu tal-karbofuran oġħla minn 0,1 mg/kg. Skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità biex tevalwa l-informazzjoni għall-fini tal-istabbiliment ta' tolleranza tal-importazzjoni għall-faqqieġh ikkultivat. B'mod parallel, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità biex tirrevedi l-MRLs eżistenti kollha għall-insettiċidi karbofuran, karbosulfan, benfurakarb u furatijokarb tal-grupp N-metil-karbamat, inklużi l-MRLs stabbiliti mill-Kummissjoni tal-CODEX Alimentarius (CXLs) li ġew implimentati b'dak ir-Regolament.
- (10) Fl-opinjoni motivata tagħha tat-3 ta' Frar 2014³, l-Awtorità rrakkomandat li l-MRL għall-karbofuran fil-faqqieġh frisk ikkultivat jinżamm fil-limitu attwali ta' determinazzjoni (LOD) ta' 0,01 mg/kg, peress li valuri oġħla jistgħu jkunu ta' tħassib kbir għall-konsum mill-konsumatur. Barra minn hekk, l-Awtorità rrakkomandat li jiħassru l-MRLs stabbiliti għall-karbofuran u l-karbosulfan fuq il-mandolin, il-larinġ, il-ġirasol, in-nevew u l-ħwawar li jikkorrispondu għall-Kummissjoni tal-CODEX Alimentarius. Fir-rigward tal-karbofuran, fid-dawl tal-valuri tossikoloġiċi baxxi ta' referenza tiegħu, l-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs jiġu stabbiliti taħt il-limitu attwali ta' determinazzjoni għall-prodotti li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dieta tal-konsumaturi.
- (11) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea li pprovdew evidenza li matul il-proċess analatiku, il-karbosulfan, il-benfurakarb u l-furatijokarb huma parzjalment konvertiti f'karbofuran. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita definizzjoni komuni ta' residwu għall-komponenti tal-N-metil karbamat. Barra minn hekk, il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea kkonkludew li għal ċerti prodotti, l-iżvilupp tekniku jippermetti li jiġu stabbiliti limiti ta' determinazzjoni aktar baxxi.

Opinjoni motivata dwar l-istabbiliment ta' MRLs għall-imazapir fil-fażola tas-sojja, fi żrieragħ taż-żejt oħra u fl-għads ġenetikament modifikati. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(6):3743 [31 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3743.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għall-malatiġon f'diversi għelejje. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(2):3588 [56 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3588.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għall-pikossistrobin fil-pitrava zokkrija. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(5):3716 [26 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3716.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għall-ispirotetramat fiż-żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(6):3739 [25 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3739.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għat-tepralossidim fl-artiċok ta' Ġerusalem u r-ravanell. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(7):3788 [18 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3788.

Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRLs eżistenti għat-triflossitrobin fil-frott tal-kannamiela. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(7):3751 [17 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3751.

³ Opinjoni motivata dwar l-eżami tal-MRLs eżistenti għall-karbofuran, il-karbosulfan, il-benfurakarb u l-furatijokarb u l-istabbiliment ta' tolleranza tal-importazzjonijiet għall-karbofuran fil-faqqieġh ikkultivat. Il-Ġurnal tal-EFSA 2014;12(2):3559 [38 p.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3559.

- (12) Abbażi tal-opinjoni jiet motivati tal-Awtorità u, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett li qiegħed jiġi analizzat, il-modifiki xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (13) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u ġew ikkunsidrati l-kummenti tagħhom.
- (14) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (15) Sabiex ikunu permessi l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament għandu jistipula arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li kien hemm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.
- (16) Għandu jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jsiru applikabbli l-MRLs modifikati biex lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati jingħatalhom żmien biżżejjed biex iħejju ruħhom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifiki tal-MRLs.
- (17) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel [*Office of Publications please insert date of application of this Regulation*].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [*Office of Publications: please insert date 6 months after entry into force*] fir-rigward tal-MRLs għall-benfurakarb, il-karbofuran, il-karbosulfan u l-furatijokarb.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO*